



TESTI ADOTTATI

P8_TA(2016)0178

Kwittanza 2014: L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA)

1. Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-28 ta' April 2016 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima għas-sena finanzjarja 2014 (2015/2174(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija Marittima Ewropea tas-Sigurtà għas-sena finanzjarja 2014,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Marittima Ewropea tas-Sigurtà għas-sena finanzjarja 2014, flimkien mar-risposta tal-Aġenzija¹,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni² dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2014 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2016 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Aġenzija fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2014 (05584/2016 – C8-0072/2016),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002³, u b'mod partikolari l-Artikolu 208 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà

¹ ĠU C 409, 9.12.2015, p. 216.

² ĠU C 409, 9.12.2015, p. 216.

³ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

Marittima¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tiegħu,

- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej²,
 - wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³, u b'mod partikolari l-Artikolu 108 tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 94 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A8-0102/2016),
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2014;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hi parti integrali minnha, lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

¹ ĠU L 208, 5.8.2002, p. 1.

² ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

³ ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42.

2. Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-28 ta' April 2016 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima għas-sena finanzjarja 2014 (2015/2174(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija Marittima Ewropea tas-Sigurtà għas-sena finanzjarja 2014,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Marittima Ewropea tas-Sigurtà għas-sena finanzjarja 2014, flimkien mar-risposta tal-Aġenzija¹,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni² dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2014 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2016 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Aġenzija fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2014 (05584/2016 – C8-0072/2016),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002³, u b'mod partikolari l-Artikolu 208 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li jstabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima⁴, u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej⁵,
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶, u b'mod partikolari l-Artikolu 108 tiegħu,

¹ ĠU C 409, 9.12.2015, p. 216.

² ĠU C 409, 9.12.2015, p. 216.

³ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

⁴ ĠU L 208, 5.8.2002, p. 1.

⁵ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

⁶ ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42.

- wara li kkunsidra l-Artikolu 94 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A8-0102/2016),
1. Jinnota li l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima huma kif annessi mar-rapport tal-Qorti tal-Awdituri;
 2. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima għas-sena finanzjarja 2014;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

3. Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-28 ta' April 2016 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima għas-sena finanzjarja 2014 (2015/2174(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima għas-sena finanzjarja 2014,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 94 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A8-0102/2016),
- A. billi, skont ir-rapporti finanzjarji tagħha, il-baġit finali tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima ("l-Aġenzija") għas-sena finanzjarja 2014 kien jammonta għal EUR 52 403 276, somma li tirrappreżenta tnaqqis ta' 9,37 % meta mqabbla mal-2013;
- B. billi l-Qorti tal-Awdituri, fir-rapport tagħha dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima għas-sena finanzjarja 2014, stqarret li kisbet assigurazzjonijiet raġonevoli li l-kontijiet annwali tal-Aġenzija huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati huma legali u regolari;

Segwitu għall-kwittanza 2013

1. Japprezza l-fatt li l-Qorti tal-Awdituri m'għamlet l-ebda kumment dwar il-ġestjoni finanzjarja tal-Aġenzija fl-2014; jilqa' l-fatt li l-Aġenzija lestiet inventarju fiżiku tat-tagħmir amministrattiv u jstieden lill-Aġenzija tħaffef il-ħidma tagħha biex itejjeb il-proċeduri kontabilistiċi u l-informazzjoni fir-rigward ta' spejjeż għall-assi intanġibbli ġġenerati internament;

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

2. Jinnota li l-isforzi ta' monitoraġġ baġitarju matul is-sena finanzjarja 2014 irriżultaw frata ta' implimentazzjoni tal-baġit ta' 94,78 % u li r-rata ta' eżekuzzjoni tal-approprijazzjonijiet ta' pagament kienet ta' 93,77 %;

Impenji u riporti

3. Jirrikonoxxi li, skont l-awditu annwali tal-Qorti tal-Awdituri, kif ukoll skont ir-rapport ta' attività annwali tal-Aġenzija, ma ġiet identifikata l-ebda kwistjoni partikolari fir-rigward tal-livell ta' riporti fl-2014; josserva li mis-sena finanzjarja 2013 ġew riportati EUR 5 178 491; jinnota b'sodisfazzjon li ġew ikkanċellati 3,80 % biss tar-riporti tal-2013;
4. Jiddispijaċih, l-aktar fil-kuntest tal-qafas legali l-ġdid tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima, li l-eżekuzzjoni tal-impenji fl-2014 kienet inqas mill-mira tal-Kummissjoni ta' 95 %, u minħabba f'hekk il-Kummissjoni qed timponi sanzjoni fuq l-Abbozz ta' Baġit 2016; jstieden lill-Aġenzija tiddikjara r-raġunijiet għalfejn ma rnexxilhiex tilħaq il-mira ta' 95 %; iħeġġeġ lill-Aġenzija ttejjeb l-eżekuzzjoni tal-baġit u tnaqqas dan il-livell sal-limiti massimi stabbiliti mill-Kummissjoni;

Trasferimenti

5. Jinnota li skont ir-rapport tal-attività annwali tal-Aġenzija, il-livell u n-natura tat-trasferimenti fl-2014 baqgħu fi ħdan il-limiti tar-regoli finanzjarji tal-Aġenzija; jinnota li t-trasferimenti kollha tal-Aġenzija għall-2014 kienu 10 % anqas mill-approporzjonijiet għas-sena finanzjarja fil-linja baġitarja, meta jsir trasferiment minn titolu għal ieħor;

Proċeduri ta' akkwist u reklutaġġ

6. Jieħu nota tal-fatt li l-Aġenzija nediet 82 proċedura ta' akkwist fis-sena finanzjarja 2014, bi 15-il proċedura nnegozzata speċjali u b'67 proċedura nnegozzata miftuħa u b'valur baxx; jinnota, barra minn hekk, li l-ammont imħallas għall-kuntratti ta' akkwist iffirmati fl-2014 kien ta' EUR 3 432 061;
7. Jinnota mir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri li, fi tmiem is-sena, l-Aġenzija kellha 210 pożizzjoni fil-pjan ta' stabbiliment tagħha, li minnhom 198 kienu okkupati, 30 pożizzjoni ppjanati fil-baġit għal persunal kuntrattwali li minnhom 29 kienu okkupati, kif ukoll 18-il pożizzjoni għall-esperti nazzjonali sekondati li minnhom 15-il pożizzjoni kienu okkupati; ikkonstata li, biex tilqa' għat-tnaqqis tal-persunal u għall-prijoritajiet tax-xogħol li qed jevolvu, l-Aġenzija naqqset bi tlieta l-għadd ta' pożizzjonijiet tagħha relatati ma' funzjonijiet ġenerali; jifhem mill-Aġenzija li, biex tirreaġixxi b'mod aktar effikaċi għaż-żieda fl-ammont ta' xogħol, biex tidentifika l-għarfien espert disponibbli fil-preżent fl-Aġenzija u biex tagħti appoġġ lil politika ta' mobbiltà interna, l-Aġenzija ħolqot Databażi tal-Kapital Uman bħala għodda ta' appoġġ għall-ġestjoni interna;
8. Jinnota r-riżultati tal-ewwel eżerċizzju għall-istabbiliment ta' parametri referenzjarji dwar impjiegi fl-Aġenzija, li wrew li 20,3 % tal-impjiegi kienu ddedikati għall-appoġġ u l-koordinazzjoni amministrattivi, 70,8 % għall-kompiti operattivi u 6,6 % għall-kompiti ta' kontroll u finanzjarji;

Prevenzjoni u ġestjoni tal-kunflitti ta' interess u t-trasparenza

9. Jifhem mill-Aġenzija li l-Bord Amministrattiv emenda r-regoli ta' proċedura tiegħu; jinnota li dawn ir-regoli emendati jirriflettu l-bżonn li l-membri tal-Bord Amministrattiv u s-sostituti tagħhom jipprovdu s-CVs tagħhom għal pubblikazzjoni fuq is-sit web tal-Aġenzija, flimkien mad-dikjarazzjonijiet ta' impenn u ta' kunfidenzjalità ffirmati minnhom; jinnota li l-pubblikazzjoni ta' dawn is-CVs kienet mistennija qabel Ottubru 2015; jinnota, barra minn hekk, li s-CVs tad-Direttur Eżekuttiv u l-maniġment superjuri tal-Aġenzija diġà ġew ippublikati fuq is-sit web tagħha;
10. Jinnota li l-istrateġija tal-Aġenzija dwar il-prevenzjoni u l-identifikazzjoni tal-frodi, li ġiet żviluppata bi qbil totali mal-linji gwida pprovduti mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi, ġiet adottata f'Novembru 2015; jifhem li għad fadal numru ta' azzjonijiet addizzjonali x'jiġu implimentati matul il-perjodu 2015-2016; jistieden lill-Aġenzija tinforma lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-istatus ta' implimentazzjoni ta' dawn l-azzjonijiet;
11. Jilqa' l-fatt li skont sħarriġ tal-partijiet interessati mniedi mill-Aġenzija fl-2014, il-perċezzjoni tal-Aġenzija hi li din għandha livell għoli ta' professjonalità u li hi

mgħammra b'għarfien tekniku ta' livell għoli għat-twettiq tal-missjoni tagħha; jinnota bi tħassib li fl-imsemmi sħarriġ it-trasparenza tidher li hija punt dgħajfef, u jistieden lill-Aġenzija taħdem sabiex ittejjeb din il-perċezzjoni tal-partijiet interessati;

Prestazzjoni

12. Jilqa' l-fatt li l-Aġenzija qiegħda tiżviluppa objettivi u pjanijiet ta' azzjoni fuq żmien medju li jtejjbu l-prestazzjoni tagħha biex jintlaħqu l-għanijiet strateġiċi stabbiliti fl-istrateġija fuq 5 snin, adottata mill-Bord Amministrattiv fl-2013; jiddispjaċih, f'dan il-kuntest, li l-qafas finanzjarju pluriennali tal-Unjoni għall-perjodu 2014-2020, f'kuntrastrat ċar mal-mandat ġuridiku l-ġdid tal-Aġenzija stabbilit fir-Regolament (UE) Nru 100/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹, jista' jimponi adattament tal-istrateġija tal-Aġenzija minħabba restrizzjonijiet finanzjarji;

Kontrolli interni

13. Jinnota li wieħed mill-elementi ewlenin tas-sistema ta' kontroll intern tal-Aġenzija huwa l-kontroll u r-reġistrazzjoni ta' eċċezzjonijiet għal regolamenti, politiki, regoli u proċeduri stabbiliti; josserva li total ta' 11 minn dawn l-eċċezzjonijiet ġew irreġistrati matul l-2014, li minnhom disgħa kienu *ex-ante* u tnejn kienu *ex-post*; jifhem mill-Aġenzija li ttieħdu azzjonijiet korrettivi fejn meħtieġ jew ingħataw kjarifiki sabiex jiġi evitat li sitwazzjonijiet simili jergħu jseħħu fil-futur;

Awditjar intern

14. Jinnota li, fl-2014, is-Servizz tal-Awditjar Intern (IAS) tal-Kummissjoni wettaq awditu dwar "L-Elementi Fundamentali tal-Assigurazzjoni" fl-Aġenzija; jinnota li, skont l-IAS, is-sistema ta' kontroll intern imdaħħla fis-seħħ mill-maniġment tal-Aġenzija tipprovdi assicurazzjoni raġonevoli fir-rigward tal-ilħuq tal-objettivi operattivi stabbiliti fir-rapport annwali u fil-proċess tal-bini ta' assicurazzjoni sottostanti;
15. Josserva li, meta twettaq l-awditu, ma kien hemm l-ebda proċess formalizzat u dokumentat għall-abbozzar tar-rapport annwali, u dan wassal għar-riskju li xi atturi involuti fil-proċess setgħu ma kinux kompletament konxji mir-responsabbiltajiet tagħhom; jikkonstata li, wara l-awditu, l-Aġenzija stabbiliet pjan ta' azzjoni biex tindirizza r-rakkomandazzjonijiet kollha li ħarġu mir-rapport tal-awditjar, u li sussegwentement ġie approvat mill-IAS; jinnota li l-Aġenzija eżaminat mill-ġdid u ddokumentat il-proċess ta' abbozzar tar-rapport annwali sabiex tipprovdi linji gwida ċari kif ukoll definizzjoni tar-rwoli u tar-responsabbiltajiet tal-partijiet kollha involuti fil-proċess ta' abbozzar, ivvalutar u approvazzjoni tar-rapport annwali;

Kummenti oħra

16. Jinnota b'sodisfazzjon li l-Aġenzija fittxet b'mod attiv sinerġiji potenzjali ma' aġenziji oħra; jinnota b'mod partikolari li l-Aġenzija qed tikkondividi l-Faċilità ta' Kontinwità Operattiva f'Madrid mal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni u mal-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd; jinnota li l-Aġenzija, minħabba l-prossimità ġeografika tagħha, żviluppat kooperazzjoni mill-qrib

¹ Regolament (UE) Nru 100/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1406/2002 li jstabbilixxi l-Aġenzija Marittima Ewropea tas-Sigurtà (ĠU L 39, 9.2.2013, p. 30).

maç-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga fl-oqsma tar-riżorsi umani, l-infrastruttura u l-ICT;

17. Jitlob lill-Aġenzija ttejjeb il-proċeduri u l-prattiki tagħha mmirati għas-salvagwardja tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni u tikkontribwixxi attivament għal proċess ta' kwittanza li jkun orjentat lejn ir-riżultati;
18. Jenfasizza l-kontribut tal-Aġenzija għas-sigurtà marittima, il-prevenzjoni ta' tniġġis minn bastimenti fl-Ewropa, u l-assistenza li tat lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni skont id-dritt internazzjonali u tal-Unjoni; jiddeplora l-fatt li, filwaqt li żdiedu l-kompetenzi tagħha għal sett ġdid ta' kompiti prinċipali u ġew introdotti kompiti anċillari ġodda li kellhom jitwettqu mill-Aġenzija b'segwitu għad-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) Nru 100/2013 fi Frar 2013, it-tnaqqis baġitarju u tal-persunal sar applikabbli fl-2014; jilqa' u jinkoraġġixxi l-kollaborazzjoni min-naħa tal-Aġenzija ma' aġenziji oħra Ewropej fir-rigward tal-kriżi tar-refuġjati u jafferma mill-ġdid l-ħtieġa li l-Aġenzija tingħata r-riżorsi finanzjarji, materjali u umani li jippermettulha twettaq il-kompiti tagħha b'mod effikaċi, inkluż meta tittratta attivitajiet ta' importanza kritika li jmorru lil hinn mill-mandat tagħha, jiġifieri l-kontribut fil-forma tal-għarfien speċjalizzat u appoġġ operattiv, permezz tal-persunal tagħha, għall-ġestjoni tal-kriżi tar-refuġjati;
19. Jenfasizza li l-għarfien speċjalizzat u l-kapaċitajiet interni tal-Aġenzija jagħtuha l-opportunità li tespandi l-azzjoni u s-servizzi tagħha fuq skala aktar globali, u b'hekk tikkontribwixxi biex testendi l-ambitu tal-oqsfa regolatorji u l-istandards tas-sikurezza u dawk ambjentali tal-Unjoni;

o

o o

20. Jirreferi, fir-rigward tal-kummenti l-oħrajn li jakkumpanjaw id-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza, li huma ta' natura orizzontali, għar-riżoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' April 2016¹ dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji.

¹ Testi adottati, P8_TA(2016)0159.